MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2015

Talba Numru. 5/2013

**Mario CORDINA**

**vs**

**Direttur ghal Progetti u Zvilupp u b'digriet tat-30 ta' Awwissu, 2013 gie kjamat in kawza l-Kunsill Lokali taz-Zebbug, Ghawdex**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fil-5 ta' Marzu, 2013** u li permezz taghha talab lill-intimati jhallsuh is-somma ta' elfejn tlett mija sebgha u disghin euro u tmienja u ghoxrin centezmi ta' euro [€2,397.28c] u dan wara li ppremetta hekk:

> "Illi nhar il-wiehed u tletin ta' Awwissu tas-sena elfejn u tnax (31/08/2012), waqt li l-attur kien qieghed isuq il-vettura, ossia motorcycle tieghu, bin-numru ta' registrazzjoni KBP-401, fi triq Marsalforn, Xaghra, Ghawdex, sehh incident meta l-vettura ta' l-attur, b'mod imprevvist, dahlet f'hofra mdaqqsa illi kien hem fit-triq;

Illi din il-hofra ta’ daqs konsiderevoli kienet f’parti xejn imdawla tat-triq u minghajr indikazzjoni, u kien jidher car illi din kienet kawza ta’ nuqqas ta’ manteniment ta’ l-istess triq da parti tal-konvenut illi huwa responsabbli ghat-toroq arterjali f’Ghawdex;

Illi, ghalhekk, ta’ dan l-incident jahti unikament il-konvenut;

Illi kawza ta’ dan l-incident l-attur sofra Danni fil-vettura tieghu li taghhom qieghed jitlob illi jigi rizarcit;

Illi d-danni sofferti mill-attur jammontaw ghal elfejn, tliet mija u sebgha u disghin Ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€2,397.28).

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m’ghandux jigi kkundannat minn dan it_tribunal ihallas l-ammont ta’ elfejn, tliet mija u sebgha u disghin Euro u tmienja u ghoxrin centezmu (€2,397.28) rapprezentanti Danni sofferti mill-attur fl-incident fuq imsemmi.

Bl-ispejjez gudizzjarji, inkluzi dawk ta’ l-ittra interpellatorja ta’ Ottubru, 2012 u ta’ l-ittra ufficjali ta’ Novembru, 2012, bl-ingunzjoni tal-konvenut minn issa ghas-subizzjoni”.

Ra **r-risposta tad-Direttur intimat** minnu mressqa fil-25 ta’ Marzu, 2013 u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

“Illi t-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-incident in kwistjoni sehh unikament tort u bi htija tal-attur, u minhabba t-traskuragni tieghu.

Illi minghajr ppregudizzju ghas-suespost, it-triq in kwistjoni mhix triq arterjali allura r-responsabbilita taghha taqa esklussivament f’idejn il-Kunsill Lokali taz-Zebbug;

Illi inoltre l-esponenti mhuwiex responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur stante illi ai termini tal-Artikolu 33 (1)(a) tal-Kap. 363 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Kunsilli Lokali huma responsabbli li jzommu fi stat ta’ manutenzjoni tajba kull triq fil-lokalita taghhom u ghalhekk stante li l-Kunsill Lokali taz-Zebbug naqas li jaghmel dan fit-triq in kwistjoni, huma unikament responsabbli ghall-allegat incident.

Bl-ispejjez”.

Ra r-rikors tar-rikorrenti datat 26 ta' Awwissu, 2013 fejn talab li jigi kjamat fil-kawza l-Kunsill Lokali taz-Zebbug, Ghawdex. Ra r-risposta tal-intimat datata 30 ta' Awwissu, 2013 u d-digriet tieghu datat 2 ta' Settembru, 2013 fejn laqa' t-talba u ordnat li jigi kjamat fil-kawza l-imsemmi Kunsill Lokali.

Ra **r-risposta tal-Kunsill kjamat fil-kawza** minnu mressqa fit-12 ta' Settembru, 2013 u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

> "1. Illi ghall-ahjar stradizzjoni tal-kawza, u nterament minghajr pregudizzju ghall-kwistjoni tar-responsabbilita jew jekk l-incident sehhx ghar-ragunijiet li qed jattribwixxi l-attur, irid jigi determinat qabel kollox jekk it-triq fejn sehh l-allegat incident taqax fil-konfini tal-lokalita tax-Xaghra, jew fil-konfini tal-lokalita taz-Zebbug, u jekk hijiex triq li l-manutenzjoni taghha taqa' taht ir-responsabbilita tal-Gvern Centrali jew ta' xi Gvern Lokali;
>
> 2. Illi l-Kunsill Lokali mhuwiex responsabbli ghall-hsarat allegatament sofferti mill-attur;
>
> 3. Illi l-incident sehh minhabba s-sewqan traskurat u inavvertenti da parti tal-istess attur;
>
> 4. Illi fi kwalunkwe kaz u nterament minghajr pregudizzju ghall-premess, id-danni huma kontestati;
>
> Salvi twegibiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt"

Ra n-nota tal-intimat Direttur Ghal Progetti u Zvilupp datata 1 ta' Ottubru, 2013 (fol. 31) fejn huwa ddikjara li t-triq in kwistjoni ma kienitx wahda arterjali u li tinsab fil-lokalita taz-Zebbug. Qal li ghalhekk, din it-triq ma taqax taht ir-responsabbilita tal-Gvern Centrali.

Ra l-verbal datat 26 ta' Frar, 2015 fejn il-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza;

Semgha' x-xhieda;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz tat-Talba odjerna, r-rikorrenti qieghed jitlob minghand l-intimat u l-kjamat fil-kawza l-hlas tas-somma ta’ €2397.28 rapprezentanti danni sofferti fil-mutur tieghu tal-marka BMW bil-pjanca ta’ registrazzjoni numru KBP-104 meta fil-31 ta’ Awwissu, 2012, waqt li kien qieghed isuq l-imsemmi mutur fi Triq Marsalforn, Xaghra, Ghawdex, huwa dahal f’hofra li kien hemm fit-triq. Id-Direttur intimat laqa ghal din it-Talba billi qal li t-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-incident in kwistjoni sehh unikament tort u tar-rikorrenti kif ukoll minhabba t-traskuragni tieghu. Qal ukoll li t-triq in kwistjoni mhix triq arterjali u allura r-responsabbilita taghha taqa esklussivament f’idejn il-Kunsill Lokali taz-Zebbug. Qal li b’hekk, huwa ma kienx responsabbli ghad-danni sofferti mir-rikorrenti stante li ai termini tal-Artikolu 33 (1)(a) tal-Kap. 363 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Kunsilli Lokali huma responsabbli li jzommu fi stat ta’ manutenzjoni tajba kull triq fil-lokalita taghhom u ghalhekk stante li l-Kunsill Lokali taz-Zebbug naqas li jaghmel dan fit-triq in kwistjoni, huma unikament responsabbli ghall-allegat incident. Il-Kunsill kjamat fil-kawza sahaq li qabel kollox kellu jigi determinat jekk it-triq fejn sehh l-allegat incident taqax fil-konfini tal-lokalita tax-Xaghra, jew fil-konfini tal-lokalita taz-Zebbug, u jekk hijiex triq li l-manutenzjoni taghha taqa’ taht ir-responsabbilita tal-Gvern Centrali jew ta’ xi Gvern Lokali. Qal ukoll li huwa ma kienx responsabbli ghall-hsarat allegatament sofferti mir-rikorrenti u li l-incident sehh minhabba s-sewqan traskurat u inavvertenti da parti tal-istess rikorrenti. Finalment qal li d-danni huma kontestati.

   Ikkunsidra ulterjorment;

2. **Mart ir-rikorrenti, Katsiaryna Sarokina**, qalet li fil-31 ta’ Awwissu, 2012 ghal habta ta’ l-10.00p.m. hi u zewgha telqu minn Marsalforn lejn darhom. Hi kienet qeghda issuq il-karozza taghhom peress li kien hemm it-tifel maghha filwaqt li zewgha kien qieghed isuq il-mutur tat-tip BMW bil-pjanca ta’ registrazzjoni KBP-104. Qalet li peress li kellha twaqqaf habiba taghha li kienet tghix ix-Xaghra, hi u zewgha ghaddew mit-triq li taghti ghal din il-lokalita. Kompliet tghid li kienu qeghdin isuqu wara xulxin u li l-velocita li kienu ghaddejjin biha kien ta’ madwar hamsa u tletin kilometru fis-siegha (35 km/h). Waqt li kienu f’din it-triq, huma inzertaw karozza li kienet ghaddejja bil-mod u zewgha r-rikorrenti pproceda biex jaqbiza. Qalet li f’dan il-waqt “... *Mario had at that time increased his speed to around fifty kilometres per hour (50km/h). There were no road markings of any kind, neither continuous nor broken lines, and no caution signs. There are no buildings on that road*” (fol. 35).

Kompliet tghid li bhala dawl, kien hemm arblu tad-dawl madwar kull mitt metru u li dan id-dawl ma kienx sufficjenti mija fil-mija. Ziedet tghid li hekk kif ipprova jaghmel il-manuvra ta' sorpass hija rat "... *a sudden movement of the motorcycle*" u "*Due to the darkness enveloping the surroundings, it was hard for me to detect what was happening, and all that I could see was the motorcycle lifted in the air and see some kind of object (which I later realised was the luggage box attached to the motorcycle) flying off*" (fol. 35). Qalet li r-rikorrenti ma waqax minn fuq il-mutur izda waqaf fil-genb. Il-karozza li kien qed jipprova jaqla r-rikorrenti baqghet sejra u hi waqfet biex tara x'kien gara ezatt. Qalet li setat tikkonstata li l-mutur li kien qieghed isuq zewgha kien garrab xi hsarat u kien biss x'hin waslu d-dar li setghu jaraw dawn il-hsarat sew. Zwegha qalilha li huwa kien dahal go hofra. Huma t-tnejn marru biex jaraw x'kien ikkawza l-incident u qalet li ".. *I could clearly see a wide hole of a circumference of around 1.2 metres, which extended over a stretch of land. This was not alerted to in any way, and no signals stood in the whereabouts. This was also of considerable depth. This squared up the sudden movements and their cause which I had witnessed earlier*" (fol. 36). Mistoqsija jekk din kienitx l-ewwel darba li ghaddew minn din it-triq dak is-sajf li sehh l-incident, ix-xhud wiegbet u qalet li "*no, we drive very often because sometimes or we drive through Victoria or through Xaghra*" (fol. 236). Qalet li hi kienet taf li t-triq kienet perikoluza. Ziedet tghid ukoll li "*half of the roads are quite dangerous*" (fol. 237) u "*I didn't know it was so bad*" (fol. 243). Qalet li ma kienx dlam kompletament izda kien beda jidlam u dan peress li l-hin kien xi ftit wara d-disgha ta' filghaxija. Ziedet ttul ix-xhieda taghha li l-incident sehh mas-sentejn ilu u li hi ma kienitx tiftakar bi preciz x'kien gara. Qalet ukoll li sewqan b'karozza huwa differenti minn sewqan b'mutur. Fir-ri-ezami taghha, x-xhud qalet li ma kien hemm l-ebda sinjal jew indikazzjoni fit-triq li kien hemm xi periklu.

3. **Ir-rikorrenti** kkonferma dak li qalet martu. B'referenza ghal meta sehh l-incident, ir-rikorrenti qal li x'hin kien qed jaghmel il-manuvra ta' sorpass, huwa hass daqqa kbira fuq quddiem tal-mutur. Qal li x'hin dahal fil-hofra, ghalkemm ma waqax, l-isteering tal-mutur beda jperper u jitrieghed. Zied ighid li bhala illuminazzjoni kien hemm "... *pero huwa dawl imbieghed u mhux bizzejjed biex jurik x'hemm u x'* [*ma*] *hemmx*" (fol. 68). Qal li ghalkemm il-mutur tieghu ghandu d-dawl, huwa nduna bil-hofra x'hin dahal fiha. Ir-rikorrenti sahaq, b'referenza ghall-hofra li dahal fiha bil-mutur li "*ma stajt bl-ebda mod naraha qabel ma dhalt fiha*" (fol. 68). Ghar-rigward tal-hsarat, ir-rikorrenti qal li bid-daqqa, infaqalu t-tyre tal-mutur, inqalghet il-bagalja li kien hemm fuq wara tal-mutur u saret hsara fiz-zewg rimmijiet. Meta mar biex jara l-post fejn sehh l-

incident, huwa ra li kien hemm *manhole*. Qal li "*x-xifer tal-manhole kien imdawwar bil-concrete u l-manhole kienet maghluqa. Fil-fatt meta issir manhole issir bazi ta' konkos. Harist lura lejn din il-manhole u stajt nara li kien hemm parti sostanzjali tat-triq mhux surfaced jigifieri ma kienx fiha tarmac, li tkun saret trinka u tkun imtliet bit-trab, u bir-radam li jkun inqala. Din it-trinka u l-bicca ta' unsurfaced area kienet ta' madwar 15-il metru. Ix-xifer tal-concrete li kien hemm qabel il-manhole qabel ma dhalt fiha jiena kien fiha madwar sitta jew seba' pulzieri 'l isfel mill-wicc tat-triq kif kien*" (fol. 68-69). Ir-rikorrenti zied ighid li ma kien hemm l-ebda tip ta' indikazzjoni fit-triq li turi li kien qed isir xi xoghol jew lis-sewwieqa sabiex isuqu b'aktara attenzjoni. Esebixxa ukoll sett ritratt li ittiehdu l-ghada ta' l-incident u li kien jindika l-ambjent fejn sehh dak l-incident (fol. 25 et seq). In kontro-ezami, r-rikorrenti qal li din ma kienitx triq li huwa kien juza u dak is-sajf li sehh l-incident, din kienet l-unika darba li huwa kien ghadda minn hemm. Qal li huwa ddeccieda li jaghmel il-manuvra ta' sorpass peress li l-vettura li kien hemm quddiemu kienet ghaddejja b'velocita inqas minnu. Mistoqsi jekk huwa kienx induna li t-triq kienet imharbta meta beda jaghmel il-manvra ta' sorpass, ir-rikorrenti qal li huwa ma setax jinduna b'dan l-ghaliex "*.. jiena kont ezatt wara l-vettura ta' quddiemi, kif naqla nsib sorpriza f'nofs it-triq*" (fol. 224). Ir-rikorrenti qal li huwa kien "*... iffukat fuq il-karozza li kelli quddiemi, mhux fuq il-genb l-iehor tat-triq, il-genb l-iehor tat-triq jiena ma, kontx qed nuzah*" (fol. 228).

4. **Brian Borg**, Waste Operations Manager fis-Sezzjoni tal-Waste Order fi hdan il-Water Services Corporation qal li l-Korporazzjonijiet kienet ghamlet xi xogholijiet f'dik it-triq bejn il-21 ta' Mejju, 2012 sakemm tnehhew il-crash barriers fil-25 ta' Gunju, 2012. Huma kienu ghamlu *pack fililing u wara li dan nixef u gie certifikat li setghu jghaddu l-karozzi minn fuqu, nehhew il-*crash barriers. Fil-25 ta' Gunju, 2012 kienet infethet it-triq ghal karozzi. Qal li kien hemm ftehim mal-Ministeru ta' Ghawdex sabiex ix-xogholijiet ta' *hot road asphalt* isir mill-istess Ministeru. Kompla jghid li huwa kien baghat diversi emails lid-Direttur intimat sabiex jfakkarhom biex jiehdu hsieb din it-triq minhabba l-istat li kienet fih. Qal li "*fil-fatt fit-28 ta' Awwissu 2012 jien kont ktibt lil Perit Angelo Portelli biex ninfurmah li l-kwistjoni tat-triq ta' Marsalforn kienet ilha u li issa l-kundizzjoni tal-wicc tat-triq is in a very bad state*" (fol. 70). Zied ighid li peress li kien hemm hafna ilmenti fuq l-istat hazin tat-triq, il-Korporazzjoni minnu rapprezentata spiccat ghamlet erba' pulzieri konkos lit-trinka sabiex ma tibqax bil-pemax. Sahansitra ghamlu l-*cold asphalt* u dan minhabba li l-Ministeru responsabbli ma ghamel assolutament xejn. Dwar il-ftehim li huwa kien qal li kien hemm mal-Ministeru, x-xhud semma li d-diskussjonijiet kienu saru mal-perit Angelo Portelli u mad-

direttur Joseph Portelli. Ix-xhud ghadda biex esebixxa diversi emails li kienu ghaddew bejnu u bejn l-intimat. Ghar-rigward tal-permess sabiex isiru dawn ix-xogholijiet, ix-xhud qal li huma kienu talbu u ottjenew il-permess minghand il-Kunsill Lokali Xaghra. Qal li huma ma ghamlux it-*tarmac* l-ghaliex dan ix-xoghol kellu jaghmlu l-Ministeru ta’ Ghawdex u “*... kieku ma kienx hemm il-pjan mill-Ministeru biex huma jaghmlu dan it-tarmac konna naghmluh ahna*” (fol. 183B). Il-ftehim mal-Ministeru, kompla jghid ix-xhud, kien li kif appena l-Korporazzjoni tlesti x-xogholijiet, il-Ministeru kellhu jaghmel ix-xoghol ta’ asfaltar. B’hekk sa Lulju it-triq allura kellha tkun asfaltata. Mistoqsi jekk kellhux xi haga biex juri li kien hemm dan il-ftehim mal-Ministeru ta’ Ghawdex ix-xhud qal li “*ahna kellna ftehim mal-Ministeru ta’ Ghawdex illi jaghmlu l-asphalt huma. M’ghandi xejn bil-miktub biex juri dan. Jiena tkellimt mal-Perit Angelo Portelli u mad-Direttur Portelli f’dan ir-rigward*” (fol. 184). Huwa qal li l-incident mertu ta’ din it-Talba sehh fejn il-Korporazzjoni kienet ghamlet ic-C10 u li meta kien ikun hemm xi ilmenti minn nies dwar l-istat tat-triq, huwa kien jibghat lill-haddiema tal-Korporazzjoni b’zewgt boroz ta’ l-asphalt halli jkunu jistghu iqeghduh fit-triq. Kienet il-Korporazzjoni li kienet taghmel ir-*running maintenance* sakemm il-Ministeru ghamel l-*asphalt*. L-ahhar intervent tal-Korporazzjoni f’din it-triq ghar-rigward tal-manutenzzjoni taghha kien fl-1 ta’ Lulju, 2012.

5. **Nicholas Baldacchino**, *manager legal support* fi hdan id-direttorat tat-toroq u l-infrastruttura fi hdan l-Awtorita tat-Trasport f’Malta qal li kien hemm zewg peremessi li nhargu fuq din it-triq. Wiehed lil Korporazzjoni ghas-Servizzi ta’ l-Ilma relatat mal-waste water, u iehor lil Ministeru ghal Ghawdex biex isiru xogholijiet ta’ scarifying and resurfacing tat-triq. Ix-xhud qal li skond ma jirrizulta mill-permess, ix-xogholijiet kienu qeghdin isiru adjacenti ghal Qortin. Qal ukoll li ma kienx jaf jekk giex segwit dak li hemm indikat fil-pjanta.

6. **Tarcisio Mercieca** xehed u qal li huwa kien hejja *survey report* fil-25 ta’ Settembru, 2012 ghar-rigward tal-mutur proprjeta tar-rikorrenti. Dan is-*survey report* gie esebit bhala dok. TM 1. Qal li l-mutur tar-rikorrenti garrab hsarat estensivi, pero dawn il-hsarat jittrangaw. Zied ighid li huwa kien ghamel stima tal-hsarat u tax-xoghol involut fl-ammont ta’ €2,397.28c. Mistoqsi kemm kien dam zmien bejn minn meta cempillu r-rikorrenti sakemm mar biex jara l-mutur mertu ta’ dan l-incident, ix-xhud qal li ma kienx jaf. Qal li xogholu mhux li jkun jaf kif grat il-hsara izda kemm hemm hsarat fil-vettura. Ix-xhud ikkonferma li huwa thallas is-somma ta’ mija u tmintax-il euro (€118) ghas-*survey report* tieghu.

7. **Diane Tagliaferro**, rapprezentanta tal-Kunsill Lokali Zebbug, qalet li l-Kunsill minnha rapprezentat ma kellhu x'jaqsam xejn max-xogholijiet li twettqu.

8. **Il-Perit Angelo Portelli**, li jahdem fid-Direttorat Ghall-Progetti u l-Izviluppi fi hdan il-Ministeru ghal Ghawdex qal li fl-inhawi maghrufa bhala tal-Mielha, cioe fi Triq Marsalforn, limiti tax-Xaghra kien qieghed isir xi xoghol mill-Water Services u dan fuq is-sistema tad-drenagg. Zied ighid li x-xogholijiet f'din it-triq kellha taghmilhom kollha l-Water Services. Qal li "*peress illi l-Water Services ma' kellhiex il-fondi necessarji sabiex taghmel ix-xogholijiet kollha, inkluz li taghmel l-asfalt fil-wicc tat-triq, il-Ministeru ghal Ghawdex hass il-htiega illi jaghmel dawn ix-xogholijiet huwa. U fil-fatt l-asfaltar sar u ghadu hemm sal-lum*" (fol. 124A). Mistoqsi jekk dawn ix-xogholijiet kienux damu biex isiru wara li kienu tlestew ix-xogholijiet mill-Water Services, ix-xhud qal li ma kienx jaf bi preciz pero kienet tezisti korrispondenza f'dan ir-rigward. Sahaq li hekk kif appena l-Ministeru sab il-kuntrattur dan tqabbad biex jaghmel il-wicc tat-triq kif fil-fatt ghamel. In kontro-ezami, x-xhud qal li x-xogholijiet kienu saru "*... ftit taht il-Barbarella sa fejn tibda t-triq lejn Marsalforn*" (fol. 124B). Ghar-rigward ta' meta kien sar il-ftehim sabiex il-Ministeru jaghmel ix-xoghol ta' asfaltar, ix-xhud qal li l-Water Services kienu diga bdew jaghmlu x-xogholijiet mehtiega fis-sistema da parti taghhom. Bhala ftehim, ix-xhud qal li mieghu qatt ma kien hemm. Ghar-rigward tax-xoghol li kien sar mill-Water Services, ix-xhud qal li huwa qatt ma kien involut fih. Zied ighid li "*kieku l-Water Services Corporation ghamlet il-emix kif suppost allura ma kienx ikun hemm problema ta' triq hazina ghaliex ic-C10 u c-C15 huma aktar b'sahhithom mit-tarmac*" (fol. 189). Fil-31 ta' Awwissu, 2012 huwa kien informa lil Road Construction Limited sabiex jaghmlu x-xogholijiet. Qal ukoll li "*... ghar-rigward tat-trinka din ghandha timtela bl-emix (C10), tithalla madwar tlett pulzieri l-isfel u f'dawk it-tlett pulzieri jimtela l-cold asphalt. Jekk dan ix-xoghol isir sew allura ma jkunx hemm problemi anke ghal sentejn*" (fol. 189-190). Mistoqsi meta kien ircieva l-ewwel email minghand Brian Borg ghar-rigward ta' dawn ix-xogholijiet huwa qal li "*dan kien fil-wiehed u tletin (31) ta' Awwissu elfejn u tnax (2012)*" (fol. 190). Ix-xhud ghadda biex esebixxa dawn l-emails minghand l-imsemmi Brian Borg. Huwa cahad li kien sema bil-kwistjoni li t-triq in kwistjoni kienet fi stat hazin minghand Brian Borg qabel il-31 ta' Awwissu, 2012. Qal li r-responsabbilita ahharija kienet tal-Water Services l-ghaliex it-trinka hi kienet ghamlitha. Mistoqsi mit-Tribunal jekk kienx ircieva xi email mill-Korporazzjoni biex tinfurmah li t-trinek kienux lesti, x-xhud wiegeb fin-negattiv. Qal li l-korrispondenza kollha li kien hemm giet

esebita minnu. Kif gie nfurmat li riedu jsiru x-xoghoijiet huwa kien informa mal-ewwel lill-kuntrattur.

9. **Victor Hili**, direttur fis-socjeta Road Construction Limited qal li l-Perit Angelo Portelli kien inkariga lis-socjeta minnu rapprezentata sabiex taghmel xoghol ta’ resurfacing tat-triq maghrufa bhala Il-Mielha, Triq Marsalforn, Xaghra. Il-permess sabiex isir dan ix-xoghol hareg fit-2 ta’ Ottubru, 2012. Qal li s-socjeta minnu rappresentata kienet ikkonsultat lill-Kunsill Lokali taz-Zebbug. Zied ighi dli x-xoghol kellu jkun lest sad-9 ta’ Ottubru, 2012, izda peress li ma tlestiex, intalbu jumejn estensjoni u fil-fatt inghataw. Stqarr li l-Water Services kienet ghamlet trinka f’din it-triq li allura kellha tiehu hsieb li taghmel xoghol ta’ resurfacing temporanju. Kien il-Ministeru ghall-Ghawdex li kien inkarigah jaghmel xoghol ta’ resurfacing.

10. **Ivan Attard**, segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali Xaghra qal li b’refrenza ghall-permess bin-numru 10178/12 a fol. 55 tal-process, il-Kunsill minnu rapprezentat ma kien sab l-ebda oggezzjoni sabiex jinhareg dan il-permess. L-applikazzjoni ghax-xogholijiet saret minn Ivan Mifsud ghan-nom tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta’ l-Ilma u kienet tirrigwarda xogholijiet fi Triq il-Marsalforn. Qal li x-xogholijiet saru ftit lil hinn mill-konfini tax-Xaghra. Mistoqsi x’kienet ir-raguni l-ghala l-Kunsill minnu rapprezentat ta l-permess tieghu, x-xhud qal li “*dik li ma nafx*” (fol. 205). Id-data tal-permess hija ta’ l-20 ta’ Gunju, 2012. Ix-xogholijiet skond dan il-permess kellhom jibdew fil-11 ta’ Ottubru, 2012. Ix-xhud qal ukoll li l-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta’ l-Ilma kienet applikat ghax-xogholijiet u wahda mill-kundizzjonijiet kienet li “*32. A contractor executing road works shall compensate third parties in respect of any damages or loss suffered by third parties as a result of the execution of those road works: Provided that the said liability does not extend to damage or loss which is attributable to negligence or misconduct on the part of the person suffering the damage or loss*” (fol. 215).

11. **Joseph Portelli**, direttur ghal Progetti u Zvilupp qal li d-Dipartiment tieghu kien ghamel xoghol ta’ *surfacing* ta’ parti minn Triq il-Mielha, Marsalforn. Kien il-Perit Angelo Portelli, il-Perit tad-Dipartiment, li kien ikkomunika mieghu biex jinfurmah li “*... jrid isir dan surfacing f’parti tat-triq li twassal mix-Xaghra ghal Marsalforn*” (fol. 229). Ghar-rigward tar-responsabbilita tar-*resurfacing*, l-intimat qal li “*ir-responsabbilta li jsir resurfacing hija ta’ min ikun ghamel ix-xoghol ta’ trenching, jigifieri min jaghmel xoghol ta’ trenching irid imbaghad iwassal it-trinka biex it-triq tkun fi stat, kundizzjoni tajba*” (fol. 231). Ix-xoghol ta’ *resurfacing* finalment sar mill-Ministeru ghal-Ghawdex. L-applikazzjoni, kompla

jghid l-intimat, saret mid-Dipartiment tieghu u jiehu hsieb f'dan il-kaz il-perit ikkoncernat. Ix-xoghol ta' tqattiegh, qal l-intimat, sar mill-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma.

Ikkunsidra ulterjorment;

12. Fi ftit kliem, jirrizulta li fis-sena 2012, l-Korporazzjoni Ghas-Servizzi ta' l-Ilma kienet ghamlet xi xogholijiet fi Triq il-Mielha, Marsalforn in konessjoni mas-sistema tad-drenagg. Wara li kienu tlestew ix-xogholijiet, hija hadet hsieb li taghmel materjal maghruf bhala C10 u C15 fit-trinka li hija kienet hafret biex timtela l-ghaliex aktar tard, id-Dipartiment ghall-Progetti u Zvilupp kien ser jaghmel l-asfaltar ta' dik it-triq. Skond ma jirrizulta mix-xhieda tar-rapprezentant tal-Korporazzjoni, l-crash barriers li kien hemm fil-lok, kienu tnehhew fil-25 ta' Gunju, 2012 u kull meta kien hemm ilment dwar l-istat tat-triq, l-istess Korporazzjoni kienet tibghat lil xi addetti minn taghha sabiex jaghmlu l-manutenzjoni relattiva. Sadanitant fil-31 ta' Awwissu, 2012 sehh l-incident mertu ta' din it-Talba. F'Ottubru, 2012 sar ix-xoghol ta' asfaltar minn kuntrattur imqabbad mid-Dipartiment ghall-Progetti u Zvilupp. Iddahhal fil-kawza ukoll il-Kunsill Lokali Zebbug u dan peress li d-direttur intimat sahaq li kien il-Kunsill lokali addett minn dik il-lokalita li kellhu jiehu hsieb li jara li t-toroq li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tieghu ma jkunux ta' periklu ghall-utenti taghhom u mhux l-Gvern Centrali.

13. Wara li ra l-provi, ezamina d-dokumenti u semgha lil partijiet, t-Tribunal huwa tal-fehma li ghal hsarat li garrab ir-rikorrenti ghandu jwiegeb ghalihom id-direttur intimat. Irrizulta mill-provi li dak-in-nhar ta' l-incident ma kien hemm l-ebda sinjal jew haga li setat tindika lill-utenti li kien hemm il-periklu f'dik il-parti tat-triq fejn sehh l-incident. Li kieku d-direttur intimat ha hsieb li jaghmel dak li kien ftiehem mal-Korporazzjoni li jaghmel, kieku llum il-partijiet mhux qeghdin jistennew dan il-gudizzju. Il-Perit Angelo Portelli jghid li ma kien hemm l-ebda ftehim bejn id-Dipartiment u l-Korporazzjoni ghar-rigward ta' l-asfaltar ta' din it-triq mid-Dipartiment ghall-Progetti u Zvilupp. It-Tribunal ma huwiex ta' l-istess fehma. Ibda biex, id-direttur intimat stess fix-xhieda tieghu qal li kien il-Perit Angelo Portelli, il-Perit tad-Dipartiment, li kien ikkomunika mieghu biex jinfurmah li "*... jrid isir dan surfacing f'parti tat-triq li twassal mix-Xaghra ghal Marsalforn*" (fol. 229). Ix-xoghol ta' *resurfacing* finalment sar mill-Ministeru ghal-Ghawdex. L-applikazzjoni, kompla jghid l-intimat, saret mid-Dipartiment tieghu u jiehu hsieb f'dan il-kaz il-perit ikkoncernat. Il-Perit Portelli xehed li huwa l-ewwel darba li kien semgha bil-kwistjoni tar-resurfacing minghand Brian Borg kien fil-31 ta' Awwissu, 2012. Din id-dikjarazzjoni pero ma hijiex konfortata

mill-email datata 28 ta’ Awwissu, 2012 fejn Brian Borg kiteb lil Perit Angelo Portelli hekk: “*I am now waiting for quite a long time so that Marsalforn Road Xaghra (part trenched) be scarified and resurfaced ... this now became a very urgent issue and must be addressed asap before any serious accident happens, since road surface condition is in a very bad state*” (fol. 42). Din l-email imbaghad giet *forwarded* u ndirizzata lil certu Mr. Hili ftit minuti wara li huwa kien irceviha. Din l-email baqghet qatt ma giet esebita mill-Perit Portelli. It-Tribunal huwa tal-fehma li kien hemm diskussjonijiet bejn ir-rapprezentanti tal-Korporazzjoni Ghas-Servizzi ta’ l-Ilma u r-rapprezentanti tad-direttur intimat. Dan anke in vista tal-fatt li l-Perit Portelli ma jeskludiex li gara hekk. Huwa fil-fatt ighid “*jista jkun li tkellimna over the telephone mas-Servizzi Korporazzjoni tal-Ilma pero ma niftakarx x’intqal u ma ntqalx*” (fol. 189). It-Tribunal huwa tal-fehma li verament kien hemm dawn id-diskursati l-ghaliex kieku l-email ma kienx ikun fiha d-diskors li inghad fiha. Anzi, kieku din is-sitwazzjoni imnizzla minn Brian Borg fl-email tieghu ma kienitx minnha, l-Perit Portelli kien jirrispondih u jghidlu li dak li gie mnizzel ma kienx minnu. Minn dan kollu ma hemm xejn.

14. Galadarba l-intimat accetta li jiehu hsieb li jaghmel ix-xoghol ta’ asfaltar, huwa messu ha hsieb li jaghmilhom mal-ewwel, hekk kif appena spiccaw ix-xogholijiet u mhux jhallu dak iz-zmien kollu qabel ma ghamluh. Jekk ma kienitx lesta li taghmel ix-xogholijiet mal-ewwel, l-intimat ma messu qatt dahal ghal din il-bicca xoghol. U jekk kellhu jistenna dak iz-zmien kollu, l-intimat messu ha l-prekawzzjonijiet kollha necessarji sabiex jgharraf lil pubbliku u lis-sewwieqa bil-periklu li kien hemm. Fortunatament, f’din il-grajja grat biss hsara f’mutur. It-Tribunal ma jirrizultalux mill-provi prodotti, li r-rikorrenti kien b’xi mod traskurat jew negligenti fis-sewqan tieghu. Jirrizulta anzi li r-rikorrenti kien qieghed isuq b’diligenza u dak li sehh kien sforz in-nuqqas ta’ tharis ta’ sinjaletika u prekawzzjonijiet da parti ta’ l-intimat biex jindika li kien hemm periklu fit-triq.

15. Id-direttur intimat jghid li din ma kienitx triq arterjali u allura ma kienitx responsabbilita tal-Gvern Centrali izda tal-Kunsill lokali koncernat. Huwa minnu ukoll li din ma kienitx triq arterjali u allura kellhu jiehu hsiebha l-Kunsill Lokali koncernat pero xorta wahda jibqa l-fatt li kien il-Gvern Centrali, tramite id-direttur intimat li kien assuma r-responsabbilita ghall-asfaltar ta’ din it-triq hekk kif appena jitlestew ix-xogholijiet mill-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta’ l-Ilma, haga li kif diga rajna, baqa ma saritx hlief aktar minn xahar wara li kien sehh l-incident. Ghalhekk, jghid x’jghid l-intimat, ir-responsabbilita ahharija hija tieghu u ta’ hadd izjed. Ghalhekk l-eccezzjonijiet kollha imqanqla mid-direttur intimat sejrin jigu

michuda u in vista ta' dak li inghad hawn fuq, il-Kunsill intimat sejjer jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

16. Ghar-rigward tad-danni subiti mir-rikorrenti fil-mutur tieghu, dawn jirrizultaw sodisfacentement ippruvati anke mix-xhieda ta' Tarcisio Mercieca.

17. Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi:

i. Jillibera lill-Kunsill intimat mill-osservanza tal-gudizzju;

ii. Jichad l-eccezzjonijiet kollha tad-direttur intimat in kwantu dawn huma inkompatibbli ma dak hawn fuq deciz;

iii. Jilqa t-talba tar-rikorrenti fl-ammont reklamat ta' elfejn, tlett mija sebgha u disghin euro u tmienja u ghoxrin centezmi ta' euro (€2,397.28c) u konsegwentement qieghed jikkundanna lid-direttur ghal Progetti u Zvilupp jhallas is-somma ta' elfejn, tlett mija sebgha u disghin euro u tmienja u ghoxrin centezmi ta' euro (€2,397.28c) lir-rikorrenti, bl-imghaxijiet jibdew jiddekorru fuq dan l-ammont mid-data ta' l-ittra ufficjali mressqa mir-rikorrenti fit-22 ta' Novembru, 2012.

L-ispejjez kollha ghandhom jigu sopportati mid-direttur intimat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------